MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 2082/1997/1

Avviz Nru:  2082/97 DM

Emanuel u Adriana konjugi Galea

Vs

Christopher u Lucienne Meli

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' tmien mija u tlieta u tletin lira Maltin u sittin centezmu (Lm833.60) rappresentanti din is-somma in kwantu ghal tmien mitt lira Maltin (Lm800) prezz ta' appalt maghmul lill-konvenuti u in kwantu ghal tlieta  u tletin lira Maltin u sittin centezmu

(Lm33.60) prezz ta’ mera mixtrija mill-attur ghalihom skond l-istess appalt.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1 L-ammont ma huwiex dovut stante illi x-xoghol li kellu jsir mill-attur Emanuel Galea ma sarx skond ma kien miftiehem bejn il-partijiet billi ma huwiex skond l-arti u s-sengha;

2 B’riserva ghall-eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tas-16 ta’ Jannar 1998 fejn gie nominat William Cassar Torreggiani bhala perit tekniku.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku William Cassar Torreggiani pprezentat fl-24 ta’ Marzu 2000.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta’ Jannar 2001 modifikat bid-digriet tas-26 t’April 2001 fejn gew nominati bhala periti perizjuri lil Peter Bonello, AIC Joseph Ellul Vincenti u lil AIC Joseph Mizzi.

Rat ir-relazzjoni tal-periti perizjuri pprezentata fit-30 ta’ Novembru 2001;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta osservazzjonijiet tal-atturi;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi fir-relazzjoni teknika tieghu l-perit tekniku William Cassar Torregiani rrelata illi x-xoghol tal-injam ta aperturi mahdum mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuti ma kienx tlesta minn kollox u ma kienx mahdum skond l-arti w is-sengha.  L-istess perit kien wasal ghal din il-konkluzzjoni wara illi elenka d-diversi nuqqasijiet illi huwa setgha jikkonstata fix-xogholijiet in kwistjoni kif jirrizulta dettaljatament mir-relazzjoni tieghu (esibita  a fol 54 tal-process) u li giet ikkonfermata fl-intier taghha mill-periti perizjuri u li l-Qorti qeghda tadotta u tghamel taghha.

Fin-nota tal-ossevazzjonijiet taghhom l-atturi jikkontendu illi l-ftehim bejn il-kontendenti tad-9 ta Mejju 1996, kif ikkonfermat bi ftehim ulterjuri tat-3 ta Settembru 1996, ma jinkwadrax ruhhu f’kuntratt ta appalt izda f’kuntrat ta bejgh u li allura ghandhu japplika l-Artikolu 1390 tal-Kap. 16.

Izda kemm minn dak li gie premess mill-istess atturi kif ukoll minn natura ta xogholijiet fdati lill-attur ma jirrizulta ebda bejgh izda kuntratt ta appalt a tenur tal-Artikolu 1633 tal-Kap. 16 fejn l-attur oltre li jghati x-xoghol jew is-sengha tieghu gie mqabbad ukoll li jghati l-materjal.

Infatti l-istess atturi jippremettu fl-avviz li s-somma li qed jitolbu minn ghand il-konvenuti tirrapprezenta “prezz ta appalt” li huwa ukoll ikkonfermat mill-istess skritturi imsemmija.

Infatti dak li l-attur gie nkarigat li jezegwixxi kien xoghol ta bibien, frame ta hgieg u rivestiment ta hnejja bl-injam fejn ma giex pattwit xi kejl specifiku billi l-parti sostanzjali tal-appalt moghti lill-attur kien appuntu x-xoghol li jkejjel sewwa huwa stess biex jista jfassal il-materjal idoneu u jahdem l-injam skond il-kejl, bl-ahhar fazi tax-xoghol tikkonsisti fit-twahhil fil-post tal-aperturi u rivestiment bil-perfezzjoni li tezigi l-arti u s-sengha.

Dan qatt ma jista jinkwadra ruhhu f’xi kuntratt oltre dak ta appalt billi dak li effettivament kien gie mitlub mill-attur kien sostanzjalment ix-xoghol tieghu ta kejl, tfassil u kostruzzjoni tax-xoghol tal-injam ordnat u fl-ahhar it-twahhil tieghu fuq il-post tal-konvenut u mhux xi oggett

specifiku ta kejl predeterminat bl-inkarigu jispicca mal-konsenja.

Ghalhekk meta jirrizulta illi x-xogholijiet maghmula mill-atturi ma sarux skond kif gie pattwit mall-konvenuti u lanqas ma tlestew fl-intier taghhom u ma gewx mahduma skond l-arti w is-sengha fejn lanqas ma gew uzati materjali idonei, l-Qorti ssib illi l-atturi m'ghandhom ebda dritt li jippretendu li jithallsu l-prezz ta' appalt li ghandhu jitqies bhala li ghadhu ma giex ikkompletat u ghaldaqstant qeghda tirrespingi t-talba attrici, fil-waqt li tilqa l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------